MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 34/2004/1

**John Aquilina u Maria Theresa Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza "Kostituzzjonali" u "Konvenzjonali" taghha) fit-28 ta' Gunju 2006. Permezz ta'

dina s-sentenza dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi dikjarat li kienu gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom protetti sia bil-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropea, u sabiex dik il-Qorti taghtihom rimedju. Il-kawza, kif ser naraw, tirrigwarda l-procedura tal-ghoti tal-helsien mill-arrest fi proceduri kriminali u l-konfiska tas-somma li tkun giet depozitata bhala garanzija meta Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tal-fehma li tkun giet miksura xi kundizzjoni imposta in konnessjoni ma' l-ghoti ta' dak il-helsien.

**2.** Id-disposizzjonijiet tal-ligi li r-rikorrenti (illum appellanti) qed jghidu li gew vjolati huma: l-Artikoli 34(3), 37 u 44 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 5(3) u 6(1) u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Fir-rikors promotorju taghhom l-appellanti talbu li l-Prim Awla, prevja li tiddikjara li kien hemm il-vjolazzjoni jew vjolazzjonijiet minnhom allegati "…taghtihom ir-rimedju tar-restituzzjoni tad-depozitu li kien gie illegalment konfiskat, inkluza kif mehtieg kull dikjarazzjoni opportuna inkluza dik tal-invalidita` kostituzzjonali tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali fejn jestendi l-garanzija oltre l-osservanza li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-process u proceduri."

**3.** Ikun opportun li din il-Qorti tirriproduci l-partijiet relevanti tas-sentenza appellata, ghax minnha johorgu b'mod car x'inhuma kemm l-isfond tal-kawza, il-fatti allegati u kontestati, u r-ragunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti li tiddeciedi kif effettivament iddecidiet:

"Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta li r-rikorrenti John Aquilina kien tressaq fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat *inter alia* bl-attentat ta' omicidju ta' Martin Polidano, hu Marlene Aquilina u diversi akkuzi ohra anke fil-konfront tal-familja Polidano kif jidher mill-process kriminali mertu tal-kawza odjerna, u l-istess rikorrenti odjern John Aquilina kien inghata l-liberta provizzorja b'digriet ta' l-istess Qorti dak in-nhar presjeduta mill-Magistrat Patrick Vella datat 11 ta' Awissu 1993 fejn gew imposti fuq l-istess rikorennti diversi kondizzjonijiet kif jidher mill-imsemmi digriet a fol. 18 tal-process inkluz fost ohrajn kondizzjoni numru (5):- "(5) Li ma jkellimx jew javvicina b'xi mod lix-xhieda tal-

Prosekuzzjoni u bl-ebda mod, post, hin u data ma ghandu jkellem lill-membri tal-familja Polidano u/jew idejjaqhom u/jew jersaq lejn ir-residenza u post tax-xoghol taghhom" *u sabiex jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju tal-helsien l-istess rikorenti gie ordnat jiddeposita fir-Registru tal-Qorti somma ta' Lm3,000 oltre garanzija personali ta' Lm6,000.*

"Illi jinghad fl-istess garanzija li *"f'kaz li l-imputat jikser wahda minn dawn il-kondizzjonijiet hawn fuq imsemmija jitlef il-benefeccju tal-helsien mill-arrest, u jinhareg mandat ta' arrest kontra tieghu u s-somma totali ta' Lm9,000 jew parti minnha tghaddi favur il-Gvern.".*

"Illi l-istess rikorrenti accetta li joqghod taht l-istess kondizzjonijiet u fil-fatt iffirma l-istess dokument kif jidher a fol. 18 tal-process. Mhux hekk biss izda kien huwa li ddeposita l-istess somma ta' Lm3,000 bhala garanzija b'depositu ghad-dehra ta' l-imputat fejn jinghad li:- *"Il-11 ta' Awissu 1993: John Aquilina hawn fuq imsemmi qieghed f'dan ir-Registru s-somma hawn fuq imsemmija ta' Lm3,000 tlett elef lira Maltija sabiex tibqa' hekk imqieghda sakemm tibqa' ssehh l-obbligazzjoni tieghu moghtija jew sakemm ma taqax f'idejn l-Istat ta' Malta"*

"Illi kontestwalment [saret] dikjarazzjoni li s-somma ta' Lm3,000 hekk depositata kienet proprjeta ta' Tessie Camilleri ta' St. Nicholas, Triq Ferdinand Hompesch, Siggiewi u li l-istess John Aqulina offra l-istess somma bhala garanzija kollox kif indikat a fol. 15 tal-process u dan apparti li accetta l-obbligazzjonijiet skond id-digriet u kondizzjonijiet tal-Liberta provisorja datat 11 ta' Awissu u ffirmat ukoll minnu a fol. 18 tal-process.

"Illi wara sar rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija datat 11 ta' Novembru 1993 fejn gie allegat li l-istess rikorrenti John Aquilina kien kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizzorja peress li f'diversi dati indikati fl-istess rikors a fol. 19 tal-process huwa kien resaq lejn ir-residenza tal-familja Polidano u senjatment fil-5 ta' Ottubru 2003, 10 ta' Ottubru 2003, 26 ta' Ottubru 2003, 30 ta' Ottubru 2003, u 7 ta' Novembru 2003 u ghalhekk il-Qorti giet mitluba sabiex tnehhi l-beneficcju tal-harsien mill-arrest skond id-

disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 578 *et sequitur tal-Kap 9.*** Tali rikors huwa esebit a fol. 19 ta' dan il-process.

"Illi b'digriet datat 30 ta' Novembru 1993, wara li l-istess Qorti tal-Magistrati semghet il-provi dwar l-istess rikors u sabet li mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' martu Marlene Aquilina u ommha Concetta Polidano u anke fuq ammissjoni ta' l-imputat stess ghad-dati tad-9 ta' Ottubru 1993 u 7 ta' Novembru 1993, kien minnu li l-istess rikorrenti kien mar fejn ir-residenza tal-familja Polidano u b'hekk kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest u minhabba dan irrevokat id-digriet taghha tal-11 ta' Awissu 1993 u nehhiet b'hekk il-beneficcju tal-harsien mill-arrest tar-rikorrenti u ordnat l-arrest tieghu mill-gdid u ordnat li s-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) impoggija b'depozitu fir-Registru ta' din il-Qorti bhala garanzija biex l-imputat josserva il-kondizzjonijiet kollha imposti fuqu tintilef u tghaddi a favur tal-Gvern.

"Illi bi proklama tal-President tar-Repubblika tad-9 ta' Frar 1995 r-rikorrenti nghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali u wara gie processat.

"Illi wara li ghalqu l-proceduri saret talba lill-Eccellenza Tieghu l-President tar-Repubblika biex jinghata lura l-flus mitlufa bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istuttorja tat-30 ta' Novembru 1993 u tali talba giet michuda b'ittra tal-Avukat Generali datata 3 ta' Awissu 2004.

"Illi l-mertu tal-kawza odjerna huwa li l-istess rikorrenti John Aquilina jsostni li tali kondizzjoni mposta fl-imsemmi digriet u fuq indikata tikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti abbazi ta' l-**artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.**

"Illi l**-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:-

*""(1) Ebda cittadin ta' Malta ma ghandu jigi pprivat mil-libertà tieghu ta' moviment, u ghall-fini ta' dan l-artikolu din il-libertà tfisser id-dritt ta' moviment liberu gewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li johrog minn Malta u d-dritt li jidhol Malta"*

.

*(2) Kull restrizzjoni tal-libertà ta' moviment ta' cittadin, li tkun involuta fid-detenzjoni tieghu legali ma ghandhiex titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu.*

*(3) Ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorità ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-ligi taghmel provvediment.*

*(a) ghall-impozizzjoni ta' restrizzjonijiet li jkunu ragonevolment mehtiega fl-interess tad-difiza, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew decenza pubblika, jew sahha pubblika u hlief safejn dak il-provvediment jew, skond il-kaz, il-haga maghmula skond l-awtorità tieghu hija murija li ma tkunx gustifikabbli ragonevolment f'socjetà demokratika";*

"Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-istess kondizzjonijiet ghall-harsien mill-arrest tar-rikorrenti gew imposti fuq l-istess imputat ghaliex huwa kien akkuzat bl-attentat omicidju ta' hu Marlene Aquilina, li kienet ukoll xhud tal-prosekuzzjoni, u sabiex jigu protetti l-istess xhieda u membri tal-familja ta' l-istess mart ir-rikorrenti u niesha gew imposti l-istess kondizzjonijiet fuq l-istess rikorrenti u dan anke in virtu' ta' dak li hemm provdut fl-**artikoli 574 *et sequitur* tal-Kap 9,** u din il-Qorti thoss li tali kondizzjonijiet huma bla ebda dubju gustifikabbli f'socjeta' demokratika flimkien ma' diversi kondizzjonijiet ohra li kien hemm fl-istess digriet tal-11 ta' Awissu 1993 u d-digriet datat 30 ta' Novembru 1993, li ma jidhirx li gie appellat minn xi wiehed mir-rikorrenti odjerni.

"Illi l-istess rikorrenti jallega li tali imposizzjoni ta' l-imsemmija kondizzjoni u eventwali digriet jmur kontra d-dispossizzjoni ta' l-**artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni** li jipprovdi li:-

*""(1) Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-libertà personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi fil-kazijiet li gejjin, jigifieri...."*

“Illi fl-istess artikolu jinghad li:-

*““(3) Kull min jigi arrestat jew detenut -*

*(a) sabiex jingieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni ta’ l-ordni ta’ qorti; jew*

*(b) fuq suspett ragonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali,*

*u li ma jigix mehlus, ghandu jingieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbghin siegha wara; u jekk xi hadd arrestat jew detenut f’xi kaz bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta’ dan is-subartikolu ma jigix iggudikat fi zmien ragonevoli, f’dak il-kaz, bla hsara ghal kull proceduri ohra li jistghu jingiebu kontra tieghu, huwa ghandu jigi mehlus jew bla kondizzjoni jew b’kondizzjonijiet ragonevoli, maghduda b’mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu mehtiega ragonevolment biex jigi zgurat li huwa jidher f’data aktar tard ghall-kawza jew ghall-proceduri preliminari ghall-kawza”.*

“Illi din il-Qorti thoss li anke taht dan l-aspett l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma hijiex gustifikata u dan peress li l-istess kundizzjoni hemm imposta hija wahda ragonevoli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fid-dawl tal-proceduri li kien ghaddej minnhom l-istess rikorrenti u ghall-protezzjoni tal-persuni u xhieda indikati fl-istess proceduri kif gie wkoll spjegat sew fl-istess digriet tat-30 ta’ Novembru 1993. Fil-fatt jidher car li l-istess **artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni** jippermetti ghall-kondizzjonijiet ragonevoli apparti dawk sabiex jisguraw il-presenza ta’ l-akkuzat fil-kumpilazzjoni u fil-guri.

“Illi f’dan is-sens ma hemm ebda dubju li dan kollu kien awtorizzat skond il-ligi u permess li jsir taht d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 574 *et sequitur u* l-artikolu 579 tal-Kap 9,** dan anke fl-interess ta’ protezzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u tal-process gudizzjarju innifsu kif spjegat sew fl-istess digriet tal-Qorti tal-Magistrati.

“Illi l-ahhar ilment dwar il-Kostituzzjoni huwa dak fejn ir-rikorrenti Theresa Camilleri qed issostni li hija giet ipprivata minn flusha minghajr ma kien hemm ebda process civili jew kundanna kriminali fil-konfront taghha bi ksur ta’ l-**artikolu 37(2) tal-Kap 1** [recte: tal-Kostituzzjoni].

“Illi din il-Qorti thoss li dan l-artikolu lanqas biss japplika ghall-kaz in ezami u dan peress li tali depositu sar permezz ta’ cedola ta’ depositu f’isem ir-rikorrenti John Aquilina u mhux ghan-nom ta' l-istess rikorrenti Maria Theresa Camilleri u dan kif jidher car mill-istess dikjarazzjoni ta’ l-imsemmi John Aquilina datata 11 ta’ Awissu 1993 a fol. 15 ta’ dan il-process u fuq gja citata u hawn riportata fejn jinghad espressament li:-

*““Il-11 ta’ Awissu 1993: John Aquilina hawn fuq imsemmi qieghed f’dan ir-Registru s-somma hawn fuq imsemmija ta’ Lm3,000 tlett elef lira Maltija sabiex tibqa’ hekk imqieghda sakemm tibqa’ ssehh l-obbligazzjoni tieghu moghtija jew sakemm ma taqax f’idejn l-Istat ta’ Malta”*

“Illi fil-fatt din kienet tifforma parti mill-obbligazzjoni li dahal ghaliha l-istess rikorrenti John Aquilina li accetta l-kondizzjonijiet kollha, inkluz li jaghmel l-istess depositu f’ismu u dan bhala d-depositu mitlub skond id-digriet ghall-garanzija personali ghall-helsien mill-arrest iffirmata mir-rikorrenti l-iehor John Aquilina li fil-fatt iffirma ghall-istess garanzija kif inghad u apparti dan hemm ukoll il-firma ta’ l-istess John Aquilina fil-kondizzjonijiet ta’ l-istess digriet ghal-liberta` provizorja li jinsab esebit ukoll a fol. 18 tal-process; mela allura d-depositu sar ghan-nom ta’ l-istess rikorrenti l-iehor John Aquilina li kien huwa li offra din il-garanzija sabiex josserva l-kondizzjonijiet kollha ta’ l-istess digriet, u tali garanzija intilfet wara d-debita procedura li saret kontra l-istess John Aquilina u liema procedura giet konkluza bid-digriet imsemmi tat-30 ta’ Novembru 1993. Dan salv kull dritt li jista’ jkollha llum Tessie Camilleri kontra r-rikorrenti l-iehor John Aquilina.

“Illi jinghad ukoll li t-tehid ta’ tali garanzija u l-konfiska ta’ l-istess somma saret skond il-ligi u skond il-kondizzjonijiet accettati mill-istess rikorrenti John Aquilina li ffirma li qed

jaccetta l-istess kondizzjonijiet tal-garanzija, kondizzjonijiet li in verita` ma osservax u b'hekk tilef il-garanzija kif indikat fid-digriet tat-30 ta' Novembru 1993.

"Illi ghall-kompletezza jinghad ukoll li l-istess rikorrenti Theresa Camilleri meta offriet lir-rikorrenti l-iehor il-flus sabiex huwa jaghmel din il-garanzija din hija ghamlitha minn jhedda bla ebda impozizzjoni minn hadd u dejjem soggetta ghall-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fuq ir-rikorrenti l-iehor John Aquilina, li wkoll min-naha tieghu accetta l-istess kondizzjonijiet kif jidher mid-dokumenti kollha relattivi, nkluz li jaqdi l-kondizzjonijiet imposti lilu mill-Qorti skond il-ligi vigenti.

"Illi dwar l-allegat ksur ta' **artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea** li jirreferi ghad-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna din il-Qorti thoss li lanqas din l-allegazzjoni ma hija gustifikata u dan peress li abbazi ta' l-**artikolu 5(3)** il-kliem "*l-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri"* ma jfissrux li l-istess kundizzjonijiet ghandhom ikunu limitati biss sabiex l-istess akkuzat jidher ghall-proceduri, izda jista' jkunu kondizzjonijiet bhal per ezempju protezzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, u in generali dak li huwa mehtieg sabiex tigi assigurata z-zamma ta' ordni pubbliku, inkluz it-tmexxija skond il-ligi ta' l-istess proceduri kriminali w l-process kriminali innifsu u l-protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet ta' ohrajn, inkluzi dawk indikati bhala xhieda tal-proskezzjoni u wkoll l-indikati vittmi ta' l-allegat reat, kollha gustfikabbli ragonevoment f'socjeta` demokratika.

"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Dr. Patrick Spiteri vs L-Avukat Generali et"** (Q.K. (VGD) (JDC) (JAF) – 27 ta' Marzu 2003), u tara li xejn minn dak allegat mir-rikorrenti ma jiskontra ma' dak li hemm ritenut fl-istess sentenza, anzi din il-Qorti thoss li tali decizjoni fil-fatt tikkonferma li l-allegazzjonijiet odjerni tar-rikorrenti ma humiex fil-fatt legalment fondati u jidher car li l-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz saru skond il-ligi u ma hemm implikat ebda ksur tad-dritt fondamentali fl-istess rigward.

"Illi fl-istess kuntest jinghad li ma hemm xejn fl-istess artikolu hawn indikat li jimmilita kontra l-kontenut tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 579 tal-Kap 9,** u dan anke ghaliex hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-Konvenzjoni tippermetti tali kondizzjonijiet anke mill-kliem stess ta' l-istess konvenzjoni. Dan apparti dak kontenut fl-**artikolu 3 tar-raba' protocol** li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u li ghalih sar riferenza mill-intimati.

"Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentena ta' din il-Qorti diversament presjeduta wkoll fil-kaz **"Dr. Patrick Spiteri vs l-Avukat Generali"** (P.A. (JRM) – 23 ta' Dicembru 2002 u cjoe":-

*""……..mal-artikolu 579 li jfisser x'inhuma l-effetti li jinstiltu meta persuna ma tħarisx xi waħda mill-kundizzjonijiet magħmula f'ordni li jkun taha l-liberta` proviżorja. Dan l-aħħar artikolu jagħmilha ċara (partikolarment fil-proviso tiegħu) li tali effetti jiġu deċiżi minn Qorti wara li tkun adita għal dan il-għan. Fi kliem ieħor, dawk l-effetti la huma awtomatiċi u lanqas amministrativi;*

*"Illi dan qiegħed jingħad għaliex biex jitfisser sewwa l-qafas taż-żewġ dispożizzjonijiet tal-Kodiċi, speċjalment fid-dawl tal-jeddijiet fondamentali li r-rikorrent qiegħed jisħaq li ġew miksura, huwa meħtieġ li wieħed iżomm quddiem għajnejh li kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jagħmlu distinzjoni netta bejn l-oriġni tad-detenzjoni ta' persuna. Huwa minħabba f'hekk li jrid jingħad li s-setgħa ta' din il-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi tal-għoti, ċ-ċaħda jew ir-revoka tal-liberta' proviżorja hija waħda limitata fis-sens li m'għandhiex tindaħal f'dawk l-aspetti li jaqgħu fis-setgħa mħollija f'idejn qrati oħrajn bir-rieda tal-liġi. B'hekk jiġi li l-kompetenza ta' Qorti Ċivili fil-vesti kostituzzjonali tagħha hija limitata li tiżgura li d-dritt fondamentali tal-akkużat għall-ħelsien mill-arrest preventiv (sakemm għadhom* għaddejjin proċeduri kriminali kontrih) *ikun imħares u miżmum fil-limiti stabbiliti mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. Dan isir billi jiġi assikurat li Qorti kompetenti* li *tqis talba għall-ħelsien mill-arrest preventiv*

*(kemm jekk tilqa' tali talba, kemm jekk tiċħadha u kif ukoll jekk tara li kien hemm raġunijiet siewja biex tirrevoka ordni preċedenti) tkun għamlet dan b'applikazzjoni u rispett sħiħ tal-garanziji kostituzzjonali jew konvenzjonali. U din il-Qorti m'għandhiex tindaħal aktar fl-operat ta' Qorti bħal dik sakemm ma jkunx jidher "eċċess manifest fl-applikazzjoni" tagħha ta' dawk il-prinċipji jew kriterji kostituzzjonali jew konvenzjonali (****"Gauci vs Avukat Generali"**** – Q.K. 31.07.1998 – LXXXII.ii.140).*

*"Illi, fid-dawl ta' din l-osservazzjoni jrid jingħad li r-rikorrent ma ressaq l-ebda lment dwar l-aġir tal-Onorabbli Qorti Kriminali fil-proċediment li wassal għat-tħassir tal-ordni tal-liberta' proviżorja u għar-ri-arrest tiegħu. Lanqas ma ressaq xi lment dwar jekk ir-raġuni li dwarha l-ħelsien tiegħu ġie revokat kinitx tassew waħda "ta' konsegwenza serja". Dan ifisser, allura, li lil din il-Qorti ma ngħatalha l-ebda mandat li tistħarreġ dak l-operat ġudizzjarju li, għalhekk, għandu jitqies siewi u li jorbot;"*

"Illi minn eżami bir-reqqa tal-atti tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati inkluz d-digriet dwar ir-revoka tal-liberta` proviżorja tar-rikorrenti John Aquilina, ma jirriżulta l-ebda ksur ta' xi jedd ta' l-imsemmi rikorrenti imħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni u li b'xi mod jista' jwassal lil din il-Qorti biex tghid li kien hemm xi ksur ta' xi dritt fundamentali u dan anke fid-dawl ta' dak li inghad fiz-zewg sentenzi fuq citati;

"Illi dwar l-allegat ksur ta' **artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jirrizulta kif gja inghad iktar 'il fuq li l-garanzija tpoggiet ghan-nom ta' l-istess rikorrenti John Aquilina li kien huwa li offra l-istess garanzija abbazi tad-digriet tal-11 ta' Awissu 1993 u l-proceduri ghall-istess ksur ta' l-imsemmi digriet saru kontra tieghu; dan apparti dak gia indikat u allura certament li f'dan il-kuntest ma hemm ebda ksur tad-disposizzjoni ta' l-istess artikolu, salv kull dritt li l-istess Theresa Camilleri jista' ghandha kontra r-rikorrenti l-iehor John Aquilina, izda ma hemm l-ebda dubju li tali garanzija u cedola ta' depositu ndikata saret f'isem l-istess rikorrenti John Aquilina.

“Illi fl-ahharnett din il-Qorti thoss li ghandha tghid li *in vista’* wkoll ta’ dak kollu premess ma’ hemm xejn fl-**artikolu 579 tal-Kap 9** *ut sic* kontra d-drittijiet fondamentali indikati kemm fil-Kostitizzjoni u wkoll fil-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk anke f’dan il-kuntest it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

“Illi dwar l-allegat ksur ta’ l-**artikolu 1 ta’ L-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** din il-Qorti thoss li fil-konfront ta’ l-istess rikorrenti Theresa Camilleri l-istess artikolu ma japplikax u dan ghar-ragunijet gja indikati. F’dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li inghad fir-risposta ta’ l-intimati salv kull dritt li l-imsemmija rikorrenti ghandha kontra r-rikorrenti l-iehor - u dan apparti li ma hemm xejn konfliggenti bejn id-disposizzjoni ta’ l-**artikolu 578 u 579 tal-Kap 9** u hawn il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li jinghad fil-paragrafu ta’ qabel ta’ l-ahhar fit-tieni pagna tar-risposta ta’ l-Avukat Generali datata 16 ta’ Novembru 2004.

“Illi jinghad ukoll li kif jidher mir-rikors ta’ l-istess rikorrenti datat 11 ta’ Ottubru 2004 fuq riportat, l-istess talbiet tar-rikorrenti kienu ibbazati kemm fuq il-Kostituzzjoni u wkoll fuq il-Konvenzjoni Ewropeja u allura din il-Qorti thoss li dak li inghad mill-istess rikorrenti fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu mhux korrett inkwantu jallega li *“din il-kawza giet imposta taht l-Konvenzjoni u mhux taht il-Kostituzzjoni”* u din il-Qorti tirreferi ghall-istess rikors u l-paragrafi jew l-aggravji mmarkati rispettivament (1), (2) u (3) u l-artikoli hemm indikati fl-istess rikors.

“Illi fil-fatt dak affermat minn din il-Qorti dwar l-artikoli tal-Kostituzzjoni jidher li huwa accettat minn l-istess rikorrenti fejn kontra dak kontenut fir-rikors tieghu jidher li jaccetta li skond il-Kostituzzjoni jistghu jigu mposti diversi kundizzjonijiet li jkunu ragonevoli; din il-Qorti mill-bqija tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet fuq indikati kemm dwar il-Kostituzzjoni u kemm dwar il-Konvenzjoni Ewropea u thoss li abbazi ta’ dak hawn indikat l-istess sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma bla ebda bazi legali.

“Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.”

**L-appell ta' Aquilina u Camilleri**

**4.** Minn din is-sentenza, kif inghad, appellaw (permezz ta' rikors kongunt) kemm John Aquilina kif ukoll Maria Theresa Camilleri. L-aggravji taghhom jistghu jigu ridotti ghal aggravju wiehed u cioe` li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma rravvizatx il-vjolazzjonijiet tad-diversi artikoli minnhom indikati fir-rikors promotorju. Huma jaghmlu referenza b'mod generali ghall-argumenti minnhom migjuba f'dak ir-rikors, pero` jzidu jenfasizzaw is-segwenti: (**i**) kwantu ghall-kumment ta' l-ewwel Qorti li Aquilina kien iffirma (cioe` iffirma minn rajh) ghall-kundizzjoni li ma jersaqx lejn ir-residenta ta' Polidano, il-kwistjoni tibqa' jekk dik il-kundizzjoni setghetx tigi imposta; (**ii**) l-ewwel Qorti interpretat hazin is-subartikolu (2) tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ghax, fi kliem l-istess rikors, "…l-esponenti ma kienx detenut izjed meta nghata l-helsien mill-arrest jew [m]id-detenzjoni, u ghalhekk ma kienx japplika izjed dak is-subartikolu", u il-kelma "ordni pubbliku" fis-subartikolu (3)(a) tal-imsemmi Artikolu 44 ma jinkludix kundizzjonijiet bhal dawk imposti f'dan il-kaz; (**iii**) l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jivvjeta kundizzjoni bhal dik in dizamina, cioe` li wiehed ma jersaqx lejn x'imkien partikolari, u li fi kwalunkwe kaz il-"kondizzjonijiet ragjonevoli" imsemmija fl-Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ma jistghux jinkludu kundizzjoni li tmur kontra l-istess Kostituzzjoni; (**iv**) l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. L-appellanti inoltre ghamlu referenza specifika ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kawzi fl-ismijiet **Neumeister v. Austria** (27/6/1968), **Jablonski v. Poland** (21/12/2000) u **J.G. v. Poland** (6/4/2004)[1].

**5.** L-appellat Avukat Generali wiegeb ghar-rikors ta' appell permezz ta' risposta presentata fl-24 ta' Lulju 2006. F'din ir-risposta l-appellat rega' rrepeta l-izball ta' l-ewwel Qorti li ghamlet referenza ghall-Artikolu 3 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni, meta r-referenza kellha evidentement tkun ghall-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll. L-appellat Avukat

---

[1] Ara n-nota ta' referenzi ta' l-appellanti tat-18 ta' Dicembru 2006.

Generali bazikament jikkontendi li s-sentenza appellata hija gusta u ghalhekk timmerita konferma.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**6.** Il-qofol tal-vertenza fir-realta` tverti fuq zewg punti: jekk il-kundizzjoni li Aquilina ma jersaqx lejn ir-residenza (u post tax-xoghol) ta' Polidano[2] saritx bi ksur ta' l-Artikoli 44 u 34(3) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u, fil-konfront ta' Camilleri jekk il-konfiska, ordnata bid-digriet tat-30 ta' Novembru 1993, tal-flus depozitati bhala garanzija kinitx leziva tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**7.** Ghandu qabel xejn jigi precizat li l-proceduri kostituzzjonali odjerni ma humiex intizi biex jigi deciz jekk bhala fatt kienx hemm verament o meno ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest – dak kien, f'dan il-kaz, kompitu li jispetta esklussivament lill-Qorti tal-Magistrati li emanat id-digriet taghha fit-30 ta' Novembru 1993. Dak li qed jigi attakkat hawn huwa l-bazi ta' dak id-digriet, u cioe` l-Artikolu 579[3] tal-Kodici Kriminali in kwantu dan jipprovdi ghal certi konsegwenzi meta tigi miksura "kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest" li ma tkunx semplicement kundizzjoni fis-sens ta' "garanzija tajba li [l-imputat jew akkuzat] jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu lilu ordnati"[4].

**8.** Issa, ma hemmx dubbju li skond il-Kodici Kriminali, sia meta si tratta ta' delitt kontra s-sigurta` tal-Gvern jew delitt li jgib mieghu l-piena ta' prigunerija ghal ghomru u sia meta si tratta ta' kwalsiasi reat iehor, il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali li tkun hija obbligata li tassigura li, jekk takkorda l-helsien mill-arrest, ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fl-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9[5]. Dawn il-perikoli huma li l-akkuzat jew imputat (a)

---

[2] Ara d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Awissu 1993 a fol 18 tal-atti tal-kawza odjerna.

[3] Illum 579(1).

[4] Artikolu 574(1) tal-Kap. 9.

[5] Ara *inter alia* **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia) v. Antonio Falzon** 4/6/2002, **Il-Pulizija (Spetturi Carmelo Magri u Mario Tonna) v. Glenn Pullicino** 2/7/2002, **Il-**

"jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija", (b) "jinheba jew jitlaq minn Malta", (c) "ma josservax xi kundizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fl-obbligazzjoni tal-garanzija"[6], (d) "jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max xhieda jew b'xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra", u (e) "jikkommetti xi reat iehor". Huwa proprju ghalhekk li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tista', meta takkorda l-helsien mill-arrest, timponi kundizzjonijiet ohra <u>oltre</u> l-garanzija (fil-forma ta' plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita, jew fil-forma tad-depozitu ta' dik is-somma jew depozitu ta' rahan li jiswa daqsha, jew fil-forma tal-obbligazzjoni personali tal-imputat – Art. 577) li l-imputat jew akkuzat jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu ordnati lilu.

**9.** Fil-kaz in dizamina, il-kundizzjoni imposta fuq l-appellant Aquilina, u cioe` li huwa ma jersaqx lejn certu post, kienet evidentement intiza biex tigi assigurata l-integrita` tal-proceduri gudizzjarji inizjati kontra tieghu billi proprju jigi evitat il-perikolu ravvizat fl-paragrafu (d) aktar 'l fuq imsemmi. Ghalhekk dik il-kundizzjoni kienet konformi ma dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali.

**10.** L-appellant, pero`, jikkontendi li din il-kundizzjoni, anke jekk konformi mal-imsemmi kodici, kienet tikkozza ma' diversi disposizzjonijiet sia tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx. Ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni, ma hemmx dubju li l-preservazzjoni ta' l-integrita` tal-proceduri gudizzjarji tirrientra fil-kuncett tal-ordni pubbliku, kif ravvizat fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 44[7].

---

**Pulizija v.** ***omissis*** **Joseph Zammit** 4/10/2002, **Il-Pulizija (Spettur Geoffrey Azzopardi) v. Alfred Bugeja** ***omissis*** 10/8/2006, u **Il-Puliziaj (Spetturi Geoffrey Azzopardi u Therese Sciberras) v. Costantino Gouder** 24/1/2007 – kollha pronunzjamenti tal-Qorti Kriminali.

[6] Wara l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002, dan il-paragrafu (c) gie jaqra hekk: "ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet taghha li bih jinghata l-helsien".

[7] Din il-Qorti taqbel mal-appellant li s-subartikolu (2) tal-Artikolu 44 ma hux applikabbli ghall-kaz in dizamina; hija, pero`, ma taqbilx li l-ewwel Qorti b'xi mod "interpretat hazin" dan is-subartikolu. Kullma ghamlet l-ewwel Qorti kien li semmiet dan is-subartikolu *en passant.*

Anqas ma jista' jinghad, fid-dawl tal-fatt li l-imputazzjoni principali kontra Aquilina kienet dik ta' tentattiv ta' omicidju f'kuntest ta' problemi intra-familjari, li din il-kundizzjoni ma kienitx ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika. Kwantu, imbaghad, ghall-Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni huwa altru milli evidenti li l-kundizzjoni in kwistjoni kienet perfettament legittima u b'ebda mod ma kienet tikkozza ma' din id-disposizzjoni li, fir-rigward tal-*bail* tghid espressament li jistghu jigu imposti "…kondizzjonijiet ragjonevoli, maghduda b'mod partikolari[8] dawk il-kondizzjonijiet li jkunu mehtiega ragjonevolment biex jigi zgurat li huwa jidher f'data aktar tard ghall-kawza jew ghall-proceduri preliminari tal-kawza." Fi kliem iehor, huma mhux biss il-kundizzjonijiet (ragjonevoli) biex jizguraw id-dehera tal-imputat jew akkuzat li jistghu jigu imposti izda anke kundizzjonijiet – dejjem pero` ragjonevoli – ohra.

**11.** L-istess jista' jinghad ghall-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Ghalkemm huwa minnu li dana l-Artikolu, meta jirreferi ghal helsien waqt pendenza ta' proceduri, jghid "Il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanzija biex [l-arrestat jew detenut] jidher ghall-proceduri", dana ma jfissirx li huma biss dawn il-kondizzjonijiet, cioe` dawk intizi biex jassiguraw li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-proceduri, li jistghu jigu imposti. Dan hu evidenti anke mill-istess gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. In fatti, fost ir-*relevant and sufficient grounds* li dik il-Qorti accettat bhala li jistghu jiggustifikaw li persuna akkuzata b'reat tibqa' arrestata, ghall-anqas ghal certu zmien, bla ma tinghata *bail* hemm is-segwenti: (**i**) *the seriousness of the alleged offences and the strength of suspicion*; (**ii**) *protection of public order*; (**iii**) *risk of pressure on witnesses or collusion with co-accused*; (**iv**) *risk of repetition of offences*; u (**v**) *danger of absconding* [9]. Meta jkun hemm xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi li jiggustifikaw, anke jekk biss ghal certu zmien, ir-rifjut tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, jekk dak il-perikolu jew riskju jkun jista' jigi mxejjen jew ghall-

[8] Fit-test ingliz, "including in particular…" – sottolinear ta' din il-Qorti.

[9] Ara b'mod generali Reid, K. ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** Sweet & Maxwell (London), 2004, pp. 421-424. Ara wkoll Jacobs & White ***The European Convention on Human Rights*** OUP, 2006, pp. 135-136.

anqas minimizzat b'xi kundizzjoni (li allura ma tkunx kundizzjoni li tassigura biss id-dehra tal-akkuzat jew imputat) imposta mal-ghoti tal-helsien, tali helsien ghandu jinghata b'dik il-konkluzjoni, u dan proprju in omagg ghall-principju tal-liberta` tal-persuna. Li wiehed jargumenta bil-kontra – kif qed jaghmlu l-appellanti – ikun ifisser li fejn Qorti tista' taghti l-helsien taht kundizzjoni jew kundizzjonijiet bhal dawn, hija ma taghtix il-helsien ghax il-kundizzjoni ma tkunx wahda biex dak li jkun "jidher ghall-proceduri". F'dan il-kuntest l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick[10] jikkummentaw hekk:

**"Using the maxim expression *unius est exclusio alterius*, which has been used in the interpretation of treaties, Article 5(3) can be regarded as meaning that the only condition that can be attached to release pending trial are those relating to appearance at trial. However, it would be unsatisfactory if Article 5(3) did not allow any considerations other than appearance at trial to be taken into account when allowing bail. Such an approach might work to a person's disadvantage in that it might prevent his release altogether if, for example, a condition as to the suppression of evidence or the prevention of crime were not permissible."** [11]

**12.** Is-sentenzi li ghalihom irreferew l-appellanti fin-nota ta' referenzi taghhom tat-18 ta' Dicembru 2006 (ara paragrafu **4**, *supra*) b'ebda mod ma jeskludu li jista' jinghata l-helsien mill-arrest taht kundizzjonijiet li, oltre li jassiguraw "the presence of the accused at the hearing" jassiguraw ukoll li jigu mxejjna perikoli ohra li altrimenti, minhabba fihom, il-Qrati jkunu gustifikati li ma jaghtux il-helsien mill-arrest. Dawk il-kazijiet kienu kollha jitrattaw sitwazzjonijiet fejn l-akkuzat kien inzamm arrestat bla ma nghata l-helsien mill-arrest – li huwa l-oppost ta' dak li gara f'dan il-kaz fejn Aquilina nghata dak il-helsien. Ghalhekk l-ilmenti kollha ta' Aquilina qed jigu respinti.

[10] ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London), 1995.
[11] Pagna 142.

**13.** Kwantu ghall-ilmenti ta' Camilleri – u l-allegata vjolazzjoni fil-konfront taghha ta' l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni – din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid ma dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Id-depozitu ta' Lm3,000 kien depozitu li kien qed jaghmel Aquilina u mhux Camilleri. Il-Kodici Kriminali, ghall-finijiet tad-depozitu tas-somma (jew ta' rahan li jiswa daqs dik is-somma) ma jinteressahx ta' min ikunu l-flus (jew ta' min hu l-oggett mirghun). Aquilina kellu jiddepozita s-somma ta' Lm3,000 u hu dak li ghamel. Id-dokumenti li jimtlew (ara fol. 15 u 17) huma intizi biss sabiex, sa fejn hu possibbli, jigu imharsa l-interessi ta' sid il-flus jew ta' sid ir-rahan fl-eventwalita` li l-proceduri jispiccaw bla ma jkun hemm konfiska tas-somma jew tar-rahan. Infatti, Camilleri setghet semplicement selfet il-flus lil Aquilina, u l-ewwel Qorti gustament irrilevat li Camilleri jista' jkollha (jew seta' kellha) dritt ta' azzjoni fil-konfront ta' Aquilina fir-rigward tal-flus in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz, il-proceduri mehuda fil-konfront ta' Aquilina – li spiccaw bid-digriet tat-30 ta' Novembru 1993 u l-konfiska tas-somma – ma kienux jinvolvu decizjoni dwar id-drittijiet civili u l-obbligi ta' Camilleri u ghalhekk ma jidholx in ballo l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Anqas ma huma applikabbli l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni trattandosi hawn tal-konfiska b'ordni ta' qorti ta' proprjeta` li kienet ingiebet (minn Aquilina) bhala garanzija ghall-ottemperanza minnu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu minn dik l-istess qorti.

**Decide**

**14.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu kollha mill-appellanti solidament bejniethom

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------